MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 582/1995/1

**Paul Vella għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Hal Mann Limited***

***Versus***

**Frank Paul Sammut u martu Maria Concetta għal kull interess li jista' jkollha**

Din il-kawża hija dwar talba għall-ħlas tal-prezz ta' merkanzija u tal-kiri ta' makkinarju, u, b'rikonvenzjoni, talba għal danni minħabba xogħol b'appalt imwettaq ħażin.
Is-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' ħamest elef, mija u wieħed u ħamsin lira, erbgħa u erbgħin ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm5,151.445) – daqs ħdax-il elf, disa' mija u tmienja u disgħin euro u sittin ċenteżmu (€11,998.60) – bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' madum u materjal ieħor ta' bini mibjugħ u konsenjat lill-konvenuti, kif ukoll kera ta' makkinarju, li l-konvenuti baqgħu ma

ħallsux għalkemm imsejħa, ukoll b'ittra uffiċjali, sabiex iħallsu. L-attriċi qiegħda titlob ukoll il-ħlas ta' l-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħax legali sa dakinhar tal-ħlas.
Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:
1. huma ma fadlilhom jagħtu xejn għax ħallsu ta' dak kollu li ġie konsenjat lilhom;
2. ma huwiex minnu illi l-attriċi għamlet il-konsenja tal-materjal kollu li tgħid illi ikkonsenjat;
3. l-attriċi ma wettqitx l-appalt bil-għaqal meħtieġ, u minħabba f'hekk il-konvenuti ġarrbu danni.
Il-konvenut inqeda bil-proċeduri miftuħa mill-attriċi biex b'rikonvenzjoni ressaq il-kontro-talbiet tiegħu. Fisser illi xtara mingħand is-soċjetà attriċi l-materjal meħtieġ biex kesa l-art ta' maħżen li għandu f'Casal Paola. L-attriċi, minħabba nuqqas ta' għaqal u ta' ħila, ma ipprovdietx il-materjal tat-taraġ skond kif miftiehem, u naqset ukoll li tagħmel dak li kellha tagħmel kif iridu l-arti u s-sengħa. L-attriċi, mitluba ssewwi dawn in-nuqqasijiet, baqgħet ma għamlet xejn, u minħabba f'hekk il-konvenut ġarrab danni għax ma setax, u baqa' ma jistax, jinqeda bil-maħżen għax-xogħol tiegħu u b'hekk qiegħed jitlef mid-dħul. Għal dawn ir-raġunijiet il-konvenut qiegħed jitlob illi l-qorti:
1. tgħid illi l-attriċi ma wettqitx ix-xogħol li kienet imqabbda tagħmel kif iridu l-arti u s-sengħa, ma għamlitx is-sodda tat-taraġ kif kellha ssir u waħħlet materjal difettuż b'mod traskurat;
2. tgħid illi l-attriċi għandha twieġeb għad-danni li ġarrab il-konvenut;
3. tillikwida dawn id-danni; u
4. tikkundanna lill-attriċi tħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża.
Għall-kontro-talbiet l-attriċi ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:
1. il-materjal konsenjat kien kollu tal-kwalità miftiehma u kull fornitura li għaliha qiegħed jintalab ħlas kienet tassew konsenjata; u
2. id-difetti li sabu l-konvenuti ma taħtix għalihom l-attriċi iżda ġejjin minn xogħol ħażin magħmul minn terzi li ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' l-attriċi.
B'dikriet tal-31 t'Ottubru 1995 il-qorti ħatret perit tekniku sabiex jirrelata dwar il-kontro-talbiet. Il-perit ħalef ir-rapport tiegħu fl-4 t'April 2001 iżda, fuq talba tal-konvenuti, il-qorti b'dikriet tal-25 t'April 2001 ħatret periti

addizzjonali, u dawn ħalfu r-rapport tagħhom fid-9 ta' Frar 2005.

L-ewwel perit sab illi l-materjal mibjugħ u mqiegħed mill-attriċi kien "irħam artifiċjali", magħruf bħala *marmorezin* Dwar dan il-materjal, il-perit qal hekk:

… … … għall-kuntrarju [ta' dak] li wieħed jistenna li jista' jsib f'irħam veru, li huwa materjal naturali prodott minn proċessi ġejoloġiċi tan-natura, … … … u ċjoè tħaffir u toqob … … … u anke xi tbajja', fil-*Marmorezin* wieħed għandu jistenna li jsib il-perfezzjoni, għax dak li joħroġ minn ġol-proċess ta' manifattura, minn ġol-fabbrika, difettuż għandu jew jiġi skartat għal kollox jew jinbigħ bħala *seconds*.[1]

Il-perit sab illi fost il-materjal konsenjat mill-attriċi kien hemm materjal li ma kienx ta' kwalità tajba kif imfisser fis-silta miġjuba fuq u li għalhekk ma kienx tal-kwalità miftiehma.

Il-perit sab ukoll, iżda, illi, barra dawn id-difetti fil-materjal, kien hemm xogħol ħażin ta' bini – li ma sarx mill-attriċi – li, skond il-perit, tela' "ħorrox borrox"  u b'diżinn ħażin jew diżinn xejn, u ħoloq difetti "li s-soċjetà attriċi ma setgħetx tagħmel ħaġ'oħra ħlief li tgħattihom mill-aħjar li tista'"[2].

Il-perit sab ukoll illi mhux minnu illi l-maħżen – li l-konvenut kien sejjer jarmaħ bħala *showroom* – ma setax jinfetaħ għax, minħabba x-xogħol ħażin ta' l-attriċi, ma setax jitqiegħed poġġaman mat-taraġ.  Il-perit fil-fatt sab illi l-problemi fit-tqegħid tal-poġġaman inqalgħu minħabba d-diżinn ħażin tat-taraġ u mhux minħabba x-xogħol li għamlet l-attriċi, u li, f'kull każ, il-poġġaman xorta jista' jitqiegħed.

Il-perit sab, iżda, illi l-attriċi għandha parti mill-ħtija għal tqegħid ħażin tax-xifer ta' l-irjus tat-taraġ, u għandha twieġeb għat-tiċpis tal-ħitan bis-siment li tar waqt ix-xogħol u li ma mtesaħx qabel ma laħaq għaqad.

Biex tagħmel tajjeb għall-materjal u x-xogħol ħażin kif imfisser fuq, il-perit kien tal-fehma illi mill-prezz miftiehem għandu jsir tnaqqis ta' mitejn u ħamsin lira (Lm250) minħabba l-materjal difettuż, mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm175) minħabba x-xogħol difettuż, u mitejn lira (Lm200)

---

1 *Foll*. 241 *et seq*.
2 *Fol*. 240.

għat-tindif tat-tiċpis tas-siment:  b'kollox sitt mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm625) – daqs elf, erba' mija u ħamsa u ħamsin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€1,455.86).

Is-soċjetà attriċi qablet mal-konklużjonijiet tal-perit, ħlief fejn dan għabbiha bil-ħtija talli t-tiċpis tas-siment ma tnaddafx mill-ewwel flok tħalla jagħqad biex hekk ikun irid aktar xogħol biex jitneħħa.  Qablet, iżda, illi l-materjal ma kienx kollu ta' kwalità tajba u illi kien hemm xi xogħol li ma sarx sew.

Il-periti addizzjonali ma qablux ma' l-ewwel perit fejn dan qal illi għandek tistenna illi materjal bħal marmoresina għandu jkun bla difetti;  madankollu, billi l-attriċi aċċettat li l-materjal tassew ma kienx kollu ta' kwalità tajba kif miftiehem, il-qorti ma tarax illi għandha tidħol aktar f'din il-kwistjoni.

Il-periti addizzjonali wkoll ma qablux ma' l-ewwel perit dwar it-tnaqqis minħabba t-tiċpis tas-siment mal-ħajt, mhux għax dan ma kienx imissu tneħħa qabel ma laħaq għaqad u ibbies is-siment, kif qal il-perit, iżda għax it-tiċpis kien ma' ħajt li kien għad irid jiġi xkatlat u għalhekk ma daħħalx lill-konvenut fi spejjeż żejda biex jitneħħa għax kien jitneħħa bl-ixkatlar.

Il-periti addizzjonali sabu wkoll illi t-tnaqqis ta' mitejn u ħamsin lira (Lm250) minħabba l-materjal difettuż, mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm175) minħabba x-xogħol difettuż huwa wisq;  madankollu, billi l-attriċi aċċettat dawn id-difetti, il-periti kienu tal-fehma – u f'dan il-qorti taqbel magħhom – illi ma għandhomx ibiddlu dawn il-figuri. Igħidu għalhekk illi t-tnaqqis għandu jkun ta' erba' mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm425) – daqs disa' mija u sitta u disgħin lira u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€996.97).

Fl-aħħar nett il-periti addizzjonali qablu ma' l-ewwel perit li ma kien hemm xejn fil-materjal illi ipprovdiet u fix-xogħol li għamlet l-attriċi li kien iżomm lill-konvenuti milli jinqdew bil-maħżen bħala *showroom*, u li għalhekk ma kien hemm ebda telf ta' qligħ li għalih għandha twieġeb is-soċjetà attriċi.

Wara li qieset ix-xiehda, ir-relazzjonijiet tal-periti u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet li sarulhom għall-eskussjoni, u s-sottomissjonijiet li għamlu l-partijiet, il-qorti hija tal-fehma illi għandha toqgħod fuq ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali, kemm dwar it-tnaqqis li għandu jsir għal

xogħol u materjal ħażin – li l-attriċi stess taqbel li għandu jsir – u kif ukoll illi ma għandux isir tnaqqis għal difetti li setgħu tneħħew bla ebda telf jew nefqa żejda għall-konvenuti. Taqbel ukoll illi ma kien hemm ebda telf ta' qligħ li għalih għandha twieġeb l-attriċi.

Għal dawn ir-raġunijiet tipprovdi dwar il-kontrotalbiet u l-eċċezzjonijiet relativi billi tillikwida fis-somma ta' disa' mija u sitta u disgħin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€996.97) d-danni li għalihom għandha tagħmel tajjeb is-soċjetà attriċi, li għandhom jiġu parzjalment paċjuti ma' dak li fadlilha tieħu.

Dwar it-talbiet magħmula fiċ-ċitazzjoni, mix-xiehda ħareġ illi l-attriċi tassew ikkonsenjat il-materjal kollu miftiehem u li għalih qiegħda titlob ħlas. Ix-xiehda turi wkoll, iżda, illi l-partijiet kienu ftiehmu li l-konvenuti jingħataw skont fuq il-prezz, b'dan illi "*failure to settle … … … by the stipulated time … … … will forfeit* [*recte: will entail forfeiture of*] *any discounts allowed*". L-attriċi ma tatx dan l-iskont miftiehem għax il-konvenuti ma ħallsux fil-waqt.

Rajna, iżda, illi l-konvenuti kellhom raġunijiet tajba għala ma jħallsux parti mill-prezz miftiehem. Għalhekk, ladarba kienu, għallinqas parzjalment, ġustifikati li ma jħallsux, ma għandhomx jitilfu l-iskont kollu iżda biss parti minnu fl-istess proporzjon li t-tnaqqis fil-prezz likwidat fuq għandu mal-prezz globali.

Il-prezz globali kien ta' disat elef, tliet mija u wieħed u tletin lira u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm9,331.44) u t-tnaqqis ġie likwidat fis-somma ta' erba' mija u ħamsa u għoxrin lira (Lm425), jew erbgħa punt ħamsa fil-mija (4.5%). L-iskont kellu jkun ta' seba' mija u sbatax-il lira (Lm717) u, għar-raġuni mogħtija fuq, il-konvenuti għandhom jingħataw erbgħa u nofs fil-mija (4.5%) mill-iskont – li jiġi tnejn u tletin lira u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (Lm32.27) – daqs ħamsa u sebgħin euro u sbatax-il ċenteżmu (€75.17) – għax kienu ġustifikati li jżommu lura erbgħa u nofs fil-mija (4.5%) mill-prezz.

Għalhekk mill-bilanċ ta' ħdax-il elf, disa' mija u tmienja u disgħin euro u sittin ċenteżmu (€11,998.60) li qiegħda titlob l-attriċi għandu jsir tnaqqis ta' disa' mija u sitta u disgħin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€996.97) kif likwidat għad-difetti fil-materjal u fix-xogħol u tnaqqis ieħor ta' ħamsa u sebgħin euro u sbatax-il ċenteżmu (€75.17)

bħala skont li għandu jingħata skond il-ftehim. Jifdal bilanċ ta’ għaxart elef, disa’ mija u sitta u għoxrin euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€10,926.46).
Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża u tiddisponi kemm mit-talbiet tas-soċjetà attriċi u kemm mill-kontro-talbiet tal-konvenuti billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta’ għaxart elef, disa’ mija u sitta u għoxrin euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€10,926.46), flimkien ma’ l-imgħaxijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni.
L-ispejjeż jinqasmu hekk: sehem minn għaxra ($^{1}$/10) tħallsu s-soċjetà attriċi u disa’ ishma minn għaxra ($^{9}$/10) jħallsuhom il-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------